# Il-Palazz tal-Girgenti

**jikteb Mario Dimech**

Il-ġmiel li toffri l-kampanja fil-limiti tas-Siġġiewi donnha ssaħħar lil kull min jitfa' għajnejh fuqha! Il-veduti mimlijin sbuħija naturali ta' din il-kampanja serqu l-qalb ta' l-Inkwiżitur ta' Malta Onorato Visconti, tant li bena palazz żgħir ftit kilometri 'l bogħod minn raħalna; magħruf magħna bħala l-*Palazz ta' l-Inkwiżitur* jew il-*Palazz tal-Girgenti*.

Il-Palazz jinsab lejn in-nofsinhar tal-Buskett fl-oqsma magħrufa bħala *Girgenti*. B'ċertezza nistgħu ngħidu li l-isem *Girgenti* hu marbut mal-belt Sqallija ta' Agriġento. Fil-fatt, mil-manuskritti medjevali, nafu li Agriġento kienet tissejjaħ komunement bl-isem ta' Girgenti (*Gorghenti*). X'inhi r-rabta li waslet biex l-oqsma tal-Girgenti fil-limiti tas-Siġġiewi jieħdu l-isem ta' din il-belt?

Skond it-tradizzjoni jingħad li fl-inħawi tal-Girgenti kien hemm diġà kastell qabel ma' nbena l-*Palazz ta' l-Inkwiżitur*. Jidher li l-Maltin kienu, b'sens ta' ħbiberija ma' Falaride ħakem ta' Agriġento, bnew kastell f'ġieħ ismu. GianFranġisk Abela, fil-ktieb tiegħu *Della Descrittione di Malta*, isemmi din l-istorja filwaqt li jinnota li mill-Kastell kien għad fadal xi fdalijiet biss. Abela jsemmi wkoll li l-istoriku Sqalli Bonfiglio kiteb dwar dan il-kastell. Jingħad li l-Kastell ta l-isem lill-akkwati tal-Girgenti. Mingħajr ma niċħdu din it-tradizzjoni, ir-riċerka storika u l-arkeoloġija għadhom ma tefgħux dawl biżżejjed fuq din l-istorja. Teżisti possibiltà oħra li turi kif dawn l-inħawi ħadu l-isem minn Agriġento. Il-Professur Godfrey Wettinger jgħid li l-isem Girgenti sempliċement ġej minn kunjom ta' familja medjevali b'konnessjoni mal-belt Sqallija ta' Agriġento. Fil-fatt il-kunjom *de Girgenti* kien diġà jeżisti f'Malta fil-bidu tas-seklu 15.

L-inħawi tal-Girgenti jmissu ma' post mimli għejun; l-iktar waħda magħrufa hi **Għajn il-Kbira**. L-oqsma li jmissu mal-Girgenti min-naħa tat-tramuntana ħadu l-istess isem ta' din in-nixxiegħa. Ir-rabta ta' l-Inkwiżituri ma' dawn l-inħawi ta' Għajn il-Kbira u l-Girgenti tmur lura għal żmien l-Inkwiżitur **Pietru Dusina**.

L-Inkwiżizzjoni Rumana kienet twaqqfet permezz ta' bolla maħruġa mill-Papa Pawlu III fl-1542 bħala waħda mill-miżuri kontra t-tixrid tal-Protestantiżmu. L-Inkwiżizzjoni f'Malta daħlet fis-seħħ fl-**1561**. It-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni kellu ġurisdizzjoni fuq kull persuna f'Malta u Għawdex f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-fidi u s-setgħa li jagħti pieni lil dawk li jmorru gravament kontriha. Fil-bidu t-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni f'Malta kien jaqa' taħt l-isqof, sakemm iktar tard bdiet tinħatar persuna oħra mill-Papa li taqdi l-funzjoni ta' Inkwiżitur u Delegat Appostoliku. Pietru Dusina kien l-ewwel Inkwiżitur b'setgħa awtonoma mill-Isqof ta' Malta.

Fl-**1575** Dusina kkonfiska xi artijiet mingħand l-eretku Mattew Falson. Il-**Papa Girgor XIII** kien ikkonċeda lill-**Gran Mastru La Cassiere** li hu seta' jżomm nofs il-proprjetà ta' Għajn il-Kbira, li ttieħdet mingħand Falson. Il-Granmastru rregalaha lill-assemblea tal-kappillani konventwali. Il-proprjetà baqgħet ta' l-inkwiżitur u tal-kappillani konventwali nofs bin-nofs għal

madwar tletin sena sakemm inxtrat kollha kemm hi mill-Inkwiżitur. Dawn l-artijiet kienu jitqabblu bi qbiela lil xi gabilotti u b'hekk irendu flus li jagħmlu tajjeb għall-għajxien ta' dawk il-persuni f'Malta li kienu jiddependu mill-Inkwiżizzjoni.

Kien f'dawn l-artijiet, meqjusa bħala l-aħjar li kellha l-Inkwiżizzjoni f'Malta, li l-Inkwiżitur **Onorato Visconti** (1624-1627) iddeċieda li jibni palazz fl-**1625**. L-għan ta' din id-dar kien li sservi bħala post ta' mistrieħ fis-sajf għall-Inkwiżituri. Il-palazz, b'forma rettangolari, jikkonsisti fi 3 blokki: il-parti ċentrali hija għolja 2 sulari filwaqt li ż-żewġt iġnub jogħlew 3 sulari. Huwa mibni fuq biċċa art tawwalija mdawra b'sies allura l-fond tal-palazz kien ristrett għal dak ta' kamra waħda biss. Nistgħu ngħidu li l-palazz hu dar tipika tal-bidu tas-seklu 18. Il-faċċata hija sempliċi imma mhix riġida. Minkejja n-nuqqas ta' dekorazzjoni s-simmetrija tal-faċċata toħloq dehra armonjuża.

L-istat tal-proprjetà ta' Għajn il-Kbira u l-palazz fil-Girgenti ġieli tħalla jintelaq. Kienu bosta l-Inkwiżituri li nefqu ammont konsiderevoli ta' flus biex setgħu rranġaw l-istat ta' dawn l-artijiet; fosthom **Ranieri D'Elci** (1711-1715), **Antonio Ruffo** (1720-1728) u **Gregorio Salviati** (1754-1759). Xhieda li turi li l-Inkwiżitur Antonio Ruffo rranġa dan il-post lejn tmiem is-servizz tiegħu hi l-istemma ta' kunjomu li tinsab mad-daħla li tagħti għall-oqsma ta' Għajn il-Kbira. Ma' din l-istemma tidher ukoll l-istemma ta' l-Inkwiżizzjoni. Fuq in-naħa tal-lemin ta' dawn iż-żewġ stemmi nsibu minquxa d-data 1728; is-sena li fiha l-oqsma ġew irranġati.



**Angelo Maria Durini** kien l-Inkwiżitur ta' Malta bejn l-1760 u l-1766. Aktar tard Durini laħaq Kardinal. Ta' min jgħid li, mill-41 inkwiżitur li għexu f'dan il-palazz, 26 laħqu Kardinali u 2 minnhom saru Papiet. Kien Durini li fl-**1763** żied fuq in-naħa tat-trammuntana l-kappella privata għal dan il-palazz. Il-bini tal-kappella huwa mfakkar bi skrizzjoni li tinsab fuq il-bieb prinċipali, in-naħa ta' ġewwa tal-kappella. Il-kappella kienet iddedikata lil **San Karlu Borromeo**, qaddis Taljan tas-seklu 16, u ġiet imniffda mal-palazz permezz ta' passaġġ u loġġa.

Għalkemm ġiet mibnija kważi 140 sena wara l-palazz, il-kappella, xorta waħda għandha faċċata sempliċi; hija għolja daqs il-ġnub tal-palazz u b'disinn li jkompli ma' l-arkittetura tal-palazz. L-uniċi dekorazzjonijiet li jagħtu ftit ħajja lill-faċċata tal-kappella huma t-tieqa u l-kampnari flimkien mal-frontispizju. Ma' din il-faċċata nsibu l-arma tal-kunjom Durini skolpita fil-ġebel bejn it-tieqa u l-bieb prinċipali. Stemma oħra ta' l-istess kunjom tinsab ukoll fuq il-bieb tal-gallarija tal-palazz. Il-kappella għandha forma kwadra li tispiċċa f'*abside* u hija mdawla minn żewġ twieqi oħra barra dik prinċipali. L-uniċi dekorazzjonijiet li nsibu fuq in-naħa ta' ġewwa ta' din il-kappella huma żewġ puttini fuq il-pilastri li jaqsmu l-*abside* mill-bqija tal-kappella u tlett anġli jħarsu f'direzzjonijiet differenti fuq il-kwadru titulari. Il-pittura ta' dan il-kwadru turi lil San Karlu qiegħed jitlob għarkobbtejh u libes l-ilbies ta' kardinal. Din il-pittura li l-awtur tagħha mhux magħruf, probabilment ġiet impittra ftit wara li nbniet il-kappella.



*L-istemma ta' kunjom l-Inkwiżitur Antonio Ruffo maġenb l-istemma ta' l-Inkwiżizzjoni.*

Fl-**1792** saret organizzazzjoni mill-ġdid tas-sistema tal-qbiela tal-proprjetà kollha ta' l-Inkwiżizzjoni. Fuq id-daħla li tagħti għall-oqsma ta' Għajn il-Kbira (li semmejna aktar qabel) tinsab skrizzjoni li turi li f'din is-sena l-art ingħatat b'ċens lil **Ġużeppi Muscat** għal 99 sena. L-istituzzjoni ta' l-Inkwiżizzjoni fil-gżejjer Maltin baqgħet imwaqqfa sa' l-okkupazzjoni Franċiża. Fl-**1798** it-Tribunal ta' l-Inkwizzjoni ġie soppress u l-proprjetà ta' l-Inkwiżitur ġiet ikkonfiskata u għaddiet f'idejn il-Gvern.

Minn dak iż-żmien 'il quddiem il-*Palazz tal-Girgenti* serva għal ħafna raġunijiet oħra. Fi żmien l-Ingliżi kien iservi bħala residenza fis-sajf għall-Gvernaturi ta' Malta. Fit-Tieni Gwerra Dinjija ġie użat biex fih jintrefgħu kollezzjonijiet ta' preġju miġjuba mill-Mużew Nazzjonali. Wara l-gwerra l-palazz kien spiċċa fi stat tal-biki però fl-**1966** u **1967** sar xi restawr fuqu u probabilment anke xi alterazzjonijiet. Reġa' ġie restawrat fis-sebgħinijiet. Wara dan reġa' tħalla jiżdinga u l-istat tiegħu beda jmur mill-ħażin għall-agħar. Bejn l-**1988** u l-**1990** ġie restawrat minn fuq s'isfel u llum għadu jservi bħala residenza fil-kampanja għall-Priministri ta' Malta.

**Referenzi**


ABELA COMM. G. F., Facsimile edition (1984), **Della Descritione di Malta isola nel mare siciliano con le sue antichità, ed altre notizie**

AQUILINA Ġ.,(1987), **Maltese – English Dictionary**

BONNICI A., (1990-1994) **Storja ta' l-Inkwiżizzjoni ta' Malta, Vol I-III**

CIAPPARA F., The **Landed Property of the Inquisition in Malta in the Late XVIII Century**, f'Melita Historica Vol. VII No.1

DEBONO J., **The Inquisitor's Palace at Girgenti**, fi Treasures of Malta Vol. IV No.2

HUGHES Q., (1967), **The Building of Malta**

SERRACINO INGLOTT G., (1998), **The Private Chapels of the Stately and Patrician Houses of Malta - A representative sample 1600-1900**, teżi mhix ippubblikata.

SERRACINO INGLOTT, E., (1984), **Il-Miklem Malti**

WETTINGER, G., (2001), **Place-names of the Maltese Islands ca 1300-1800**

MEPA, Map Server, http://mapserver.pa-malta.org






BEEHIVE CONFECTIONERY

*Għall-Qubbajt ta' l-Aqwa Kwalità irrikorru*

**4, Alley 1, Ebona Street, Żebbuġ**

**Tel: 2146 3513, 2146 1238 Mob: 7953 8389**

**Naċċettaw konsinji ta' Qubbajt**

CARUANA PRODUCTS